


## 1. Kuntest

QE16 Għandek ħbieb jew nies li taf li huma...?

### Tweġiba: Iva



### Tqassim Soċjo-Demografiku

OĠĠETT: Persuni li l-orijini etnika tagħhom hija differenti minn tiegħek

Iva %	UE27	MT
Total	57%	31%
<b>Sess</b>		
Raġel	60%	34%
Mara	54%	29%
<b>1 Età</b>		
15-24	71%	30%
25-39	65%	50%
40-54	60%	29%
55 +	42%	19%
<b>Edukazzjoni (tmiem ta')</b>		
15-	41%	17%
16-19	56%	36%
20+	67%	40%
Għadhom jistudjaw	73%	35%


Huma biss minoranza ta' -ċittadini f'Malta (u ferm anqas mill-medja Ewropea) li jinkludu fost iċ-ċirku qrib tagħhom ta' ħbieb u persuni li jafu l-kategoriji kollha elenkati lilhom.

Iżda dawk li wiegħu u ddikjaraw li jifhallsu ma' persuni minn sfond etniku differenti (31% biss meta mqabbla ma' 57% fl-Unjoni Ewropea) huma l-aktar persuni li damu l-aktar jistudjaw (iżda 40% biss kontra 67% tal-Ewropej). Dan huwa l-każ ukoll li fil-maġġoranza ta' dawk fil-grupp ta' età 25-39 (50%) li madankollu jitqabbel ma' 71% ta' dawk ta' età ta' bejn 15 u 24 sena fuq livell Ewropew.

## 2. Perċezzjoni u esperjenza ta' diskriminazzjoni

QE1 Għal kull waħda minn dawn it-tipi ta' diskriminazzjoni tista' jekk jogħġbok tgħidli jekk, fl-opinjoni tiegħek, hijiex mifruxa ħafna, pjuttost mifruxa, pjuttost rari jew rari ħafna f'(PAJJIŻ TAGĦNA)? Diskriminazzjoni fuq bażi ta'...

### Tweġiba: Total "mifruxa"




Skont dawk li wiegħu f'Malta, l-aktar tip komuni ta' diskriminazzjoni f'pajjiżhom huwa dak ibbażat fuq l-orijini etnika, ħafna aktar milli fuq livell Ewropew. L-orjentazzjoni sesswali ssemmiet fit-tieni post, segwita fit-tielet post mill-età u mid-diżabilità fl-aħħar post. Kienu biss it-tweemmin reliġjuż u s-sess li ssemmw qrib il-medja Ewropea u ssemmw fost l-aħħarnett.



## 3. Diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol


QE5 F'(PAJJIŻ TAGĦNA), meta kumpanija trid timpjega lil xi ħadd u għandha għażla bejn żewġ kandidati b'ħiliet u kwalifiċi indaqs, liema min dawn il-kriterji li ġejjin jistgħu, fl-opinjoni tiegħek, ipoġġu lil kandidat/a minnhom fi żvantaġġ?



L-ordni li fih kriterji ta' reklutament potenzjalment diskriminatorji kienu msemmija kif ukoll il-medja tar-riżultati huma ġeneralment konformi mar-riżultati ġenerali fl-Unjoni Ewropea. Madankollu hemm xi differenzi: dawk li wieġbu semmew fl-ewwel post l-istil tal-fwejjeġ li jkun liebes kandidat, il-preżentazzjoni tiegħu jew tagħha, il-kulur tal-ġilda tiegħu jew tagħha u kien wara dawn biss li semmew l-età jew apparenza fiżika tiegħu jew tagħha. L-orjentazzjoni sesswali ssemmiet minn 31% taċ-ċittadini f'Malta, kontra 18% biss tal-Ewropej.

## 4. Diversità fil-Midja

QE11 Taħseb li d-diversità hi riflessa biżżejjed fil-midja, fir-rigward ta...?




Maġġoranza ta' dawk li wieġbu f'Malta jikkunsidraw li d-diversità hi rappreżentata biżżejjed fil-media. Dan japplika għal kull kriterju. Madankollu, dawn ir-riżultati huma taħt il-medji Ewropej, ħlief dawk fil-każ tad-diżabbiltajiet (imsemmija minn 50% ta' dawk li wieġbu f'Malta kontra 48% tal-Ewropej).



## 5. L-Attitudni lejn id-diversità

QE6 U bl-użu tal-iskala minn 1 sa 10, jekk jogħġbok għidli kif tħossok li kieku xi ħadd minn kull wieħed mill-kategoriji li ġejjin ikunu fl-ogħla pożizzjoni politika eletta f' (PAJJIŻ TAGĦNA)?


Tweġiba: Medja



Il-maġġoranza assoluta ta' dawk li wiegħbu f'Malta jkunu favur li mara, persuna b'diżabilità, persuna taħt l-età ta' 30 sena jew persuna omosesswali tkun tokkupa pożizzjoni politika ewlieni (f'proporzjonijiet ogħla mill-medja Ewropea). Min-naħa l-oħra, dawn ikunu ferm inqas komdi fil-każ ta' persuna bi sfond reliġjuż differenti mill-maġġoranza tal-popolazzjoni, xi ħadd minn sfond etniku differenti jew xi ħadd b'età ta' aktar minn 75 sena.

## 6. Niġġieldu d-diskriminazzjoni

QE10 Inti taf id-drittijiet tiegħek jekk tkun vittma ta' diskriminazzjoni jew fastidju?



Kważi wieħed minn kull żewġ Maltin jgħidu li jafu id-drittijiet tagħhom jekk ikunu s-suġġett ta' diskriminazzjoni jew fastidju. Dan huwa 12-il punt aħjar mil-livell Ewropew. Madankollu, minkejja dan, xorta kważi kollha jbatu minn nuqqas ta' informazzjoni dwar dan (41%).

Kif osservajna fuq livell Ewropew, in-nisa, persuni b'età ta' aktar minn 55 sena u persuni li waqfu jistudjaw kemm jista' jkun kmieni, jiġifieri l-popolazzjonijiet li l-aktar huma suxxettibbli għal din it-tip ta' diskriminazzjoni, jidhru li huma l-anqas li huma konxji bid-drittijiet tagħhom.

### Tqassim Soċjo-Demografiku

Iva %	UE27	MT
Total	33%	45%

Sess	UE27	MT
Raġel	35%	47%
Mara	31%	43%


Età	UE27	MT
15-24	34%	44%
25-39	37%	47%
40-54	36%	47%
55 +	27%	42%

Edukazzjoni (tmien ta')	UE27	MT
15-	21%	35%
16-19	33%	49%
20+	44%	49%
Għadhom jistudjaw	33%	46%



## 6. Niġġieldu d-diskriminazzjoni

QE9 B'mod ġenerali, tgħid li qed isir biżżejjed sforz f'(PAJJIŻ TAGĦNA) biex niġġieldu kontra kull forma ta' diskriminazzjoni?



■ Total Iva ■ Total Le ■ Ma nafx


UE27 Figura fuq barra MT Figura fuq ġewwa

Evoluzzjoni Mejju - Ġunju 2009 - Frar - Marzu 2008

	UE		MT	
	EB71.2	Diff EB71.2-EB69.1	EB71.2	Diff EB71.2-EB69.1
Total Iva	49%	+2	43%	-9
Total Le	44%	-4	50%	+8
Ma nafx	7%	+2	7%	+1

Maġġoranza żgħira ta' dawk li wieġbu f'Malta jikkunsidraw li f'pajjiżhom mhux qed isir biżżejjed biex ikunu missielta l-forom kollha ta' diskriminazzjoni. Ir-riżultat f'dan is-sens huwa oġġha mill-medja tal-Unjoni Ewropea. Aktar minn hekk, filwaqt li r-riżultati Ewropej tjebru mis-sena l-oħra, is-sitwazzjoni jidher li marret għall-agħar f'Malta.

QE15T F'każ li inti vittma ta' diskriminazzjoni jew fastidju, għand min tippreferi tirrapporta l-każ tiegħek? L-ewwel? U mbagħad? U fl-aħħar?



\* Isem speċifiku mogħti f'kull pajjiż

Bħaċ-ċittadini Ewropej b'mod ġenerali (iżda fi proporzjonijiet akbar) iċ-ċittadini f'Malta wkoll l-ewwel li jmorru jekk ikunu vittmi ta' diskriminazzjoni jew fastidju jkun għand il-pulizija, u wara għand avukat. It-tielet għażla tkun trejd unjin (9 punti perċentwali aktar mill-medja Ewropea). Min-naħa l-oħra, jidher li huma ferm anqas lesti mill-Ewropej li jdur għand il-Qrati jew organizzazzjoni tal-opportunitajiet indaqs. Dan jista' jkun sinjal ta' nuqqas ta' għarfien dwar din it-tip ta' organizzazzjoni?

